**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 60/00***

***Pulizija***
***Spettur Norbert Ciappara***
***vs***
***Dennis Sammut***

Illum 19 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq is-segwenti reati **Pussess Illegali tad-droga eroina aggravat bl-intenzjoni u Ricettazzjoni.**

Illi l-imputat ammetta Il-Pussess illegali (Semplici) tad-droga eroina kif ukoll l-akkuza tar-Ricettazzjoni u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

Illi in kwantu ghall-akkuza bazata fuq ir-reat ta' Pussess Illegali aggravat il-Qorti hija tal-fehema li mill-kumpless tal-provi irrizultaw certu fatti li jqajmu dubju ragjonevoli dwar l-ezistenza ta' dan l-aggravju b'mod partikolari il-fatt li d-droga nstabet gewwa d-dar fejn insabet ukoll seringa mimlija bil-likwidu fl-istess post; kif ukoll il-fatt illi l-imputat dak iz-zmien kellu dipendenza tad-droga. Ghaldaqstant din il-parti ta' l-akkuza ma tistax tirrizulta.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ir-rapport favorevoli tas-Social Worker Josette Camilleri u thoss li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza limititatament ghar-reat ta' Pussess Illegali semplici a tenur ta' l-artikolu 334 kap 9 u tikkundannah multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) pagabbli tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu fil-kaz li l-imputat jonqos minn pagament wiehed;

Kif ukoll issibu hati  tat-tieni akkuza u wara li rat r-regolament 8 tal- GN 292/39 tpoggi lill-istess imputat taht ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Carmen Borg ghal zmien sentejn*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma' dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess a tenur ta' l-Art. 5 tal-Kapitlu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat ta' l-imsemmi provvediment.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***